**24 ta' Novembru, 1958**

**Imħallef :—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B. Litt., LL.D.**

Calcedonio Psaila

*versus*

Giuseppe Farrugia

**Sentenza — Eżekuzzjoni — Mandat ta' Żgumbrament — Nullità — Oġġett tal-Kawża — Spejjeż Ġudizzjarji.**

*Jekk persuna, li tiġi notifikata b'mandat ta' żgumbrament maħruġ in eżekuzzjoni ta' sentenza, titlob ir-revoka tal-eżekuzzjoni ta' dak il-mandat fuq il-motiv illi l-fond li minnu l-intimat għandu jiġi żgumbrat ma kienx indikat fis-sentenza la bin-numru u lanqas bit-triq fejn jinsab, dik id-domanda mhix attendibbli, jekk il-fond huwa identifikabbli u ma jistax jinqala' ebda dubju fuq l-identità tiegħu.*

*Għalkemm hu veru li l-oġġett tal-kawża għandu jkun ċar, il-liġi ma tiddisponix bl-ebda mod partikulari k'f għandu jiġi ndikat dan l-oġġett; u allura hu biżżejjed li ma jistax ikun hemm dubju dwar l-identità tal-oġġett.*

*Ladarba l-mandat ta' żgumbrament ikun ħareġ 'n eżekuzzjoni ta' sentenza, u ebda nullità tal-mandat ma tiġi eċċepita b'suċċess, ir-reklam tal-eżekutat ikun tardiv. Anki f'każijiet analogi ta' indeterminatezza fl-indikazzjoni tal-persuna tal-*

*ered', jew tal-legatarju, jew tal-oġġett legat, il-ġurisprudenza tirrikonoxxi li ma hemmx lok għan-nullità "altunde".*

*U fil-każ ta' domanda għar-revoka tal-eżekuzzjoni ta' l-mandat ta' żgumbrament f'dawn il-kontingenzi lanqas hu l-każ li l-Qorti timmodera l-kap tal-ispejjeż. Jekk l-eżekutat ma kienx ġustifikat li ma jġibx il-quddiem l-obbjezzjoni tiegħu mill-ewwel fil-kawża li fiha ntalab l-iżgumbrament, l-eżekutant kien traskurat filli ma ndikax sewwa l-fond, imma l-eżekutat, li in segwitu jitlob l-imsemmi ja revoka, ikkontribwixxa f'dik it-traskuraġni, billi huwa ma qal xejn fil-kawża ta' qabel u ħalla li ssir l-eżekuzzjoni qabel ma tkellem.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tal-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għar-revoka tal-mandat ta' żgumbrament maħruġ fuq talba tal-konvenut kontra l-attur in eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-14 ta' Lulju 1958 fl-ismijiet invertiti; u dan billi fil-mandat, kif anki fis-sentenza ċitata, il-kamra li minnha ġie ordnat l-iżgumbrament mhix indikata la bin-numru u lanqas bit-triq fejn l-istess kamra hija sitwata; u barra minn hekk, fil-mandat lanqas ma ġew indikati l-oġġetti li għandhom jiġu żgumbrati;

Rat il-verbal reġistrat quddiem l-Ewwel Qorti fil-5 ta' Settembru 1958, fejn il-partijiet qablu li l-attur ma jokkupax ħlief kamra, u ma għandux rapporti legali mal-konvenut ħlief fuqha, u f'Congreve Street, Wied iż-Żurrieq, hemm diversi kmamar;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-23 ta' Settembru 1958, li biha rrespinġiet it-talba, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi, fiċ-ċitazzjoni li fuqha ġiet mogħtija s-sentenza tal-14 ta' Lulju 1958 l-attur, il-lum konvenut, kien talab li l-konvenut jiżgombra l-fregatina u oġġetti oħra li kellu "fil-kamra f'Wied iż-Żurrieq mikrija lill-konvenut." Il-lum irriżulta li dik il-kamra qegħdha f'Congreve Street, u li l-attur odjern qiegħed jitlob ir-revoka tal-eżekuzzjoni tal-mandat fuq ir-rifless illi fis-sentenza u mandat ma hemmx

indikazzjoni la tat-trieq u lanqas tan-numru tal-kamra, mentri fil-fatt din għandha numru, u t-trieq fejn qegħdha għandha isem;

Illi huwa prinċipju li l-oġġett tal-kawża għandu jkun ċar; iżda l-liġi ma tiddisponix ebda mod partikulari kif għandu jiġi ndikat dan l-oġġett, kif jagħmel, ad eżempju, il-Kap. 92, li jiddisponi li fil-kuntratt il-fond irid jiġi ndikat bin-numru u bit-trieq. Għalhekk dak li wieħed irid ifittex huwa li ma jkunx jista' jinqala' dubju fuq l-identità tal-oġġett;

Illi fil-fatt dan id-dubju fuq l-identità tal-kamra, li l-attur kellu jiżgombra, la qam fit-trattazzjoni tal-kawża ta' żgumbrament, u lanqas jista' jqum issa; għaliex l-attur ma għandu ebda kamra oħra f'Wied iż-Żurrieq li fuqha l-konvenut jimmillanta xi drittijiet li ġew rikonoxxuti b'dik is-sentenza, ħlief dik in kwistjoni;

Illi, għalhekk, il-mankanza ta' indikazzjoni preċiża tal-kamra ma tistax tkun ta' ostakolu għall-eżekuzzjoni tas-sentenza, una volta li ma jistax ikun hemm dubju fuq l-identità tal-fond; għaliex huwa prinċipju proċedurali illi s-sentenzi tat-tribunali għandhom jirċievu l-eżekuzzjoni tagħhom;

Rat in-nota tal-appell tal-attur, u ċ-ċitazzjoni li biha talab ir-revoka tas-sentenza appellata, u li tiġi milqugħa l-istanza; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-mandat "de quo" ġie maħruġ in eżekuzzjoni tas-sentenza li ordnat l-iżgumbrament. Ebda nullità ma jirriżulta li ġiet eċċepita b'suċċess f'dik il-kawża minħabba ndikazzjoni monka tal-post; u għalhekk ir-reklam odjern hu tardiv (arg. art. 792(2) Proċ. Ċiv.). Għalkemm hu soltu u deżiderabbli li l-fond oġġett tal-iżgumbrament jiġi ndikat bl-akbar preċiżjoni, ma hemm xejn fl-art. 384 Proċ. Ċiv., jew fil-formola nru. 26 annessa ma' dawk il-Liġijiet, li fuqu

jista' jiġi bażat argument ta' nullità. Anki f'każijiet analogi ta' indeterminatezza tal-indikazzjoni tal-persuna tal-eredi, jew tal-legatarju, jew tal-oġġett legat, il-ġurisprudenza tirrikonoxxi li ma hemmx lok għan-nullità, purkè jkun hemm iċ-ċertezza tal-identità "aliunde" (Kollez. XVII-II-30). L-istess kriterju ġie segwit f'każijiet oħra (Vol. IX, p. 82);

Kwantu għall-ispejjeż, din il-Qorti kienet timmoderahom, kieku b'xi mod ġie ġustifikat il-għaliex l-attur odjern ma ġiebx il-quddiem l-obbjezzjoni tiegħu "mill-ewwel" fil-kawża li fiha ngħatat is-sentenza tal-iżgumbrament; u tgħid li kienet timmoderahom għaliex irriżulta, f'din is-sede, li kienet traskuraġuni tal-konvenut odjern li l-fond ma ġiex indikat sewwa (ara xhieda tiegħu fol. 14). Imma l-attur ikkonkorra f'din it-traskuraġni, meta xejn ma qal fil-kawża ta' qabel, u ħalla li ssir l-eżekuzzjoni qabel ma tkellem. Ma jistax jingħad, għalhekk, li l-ispejjeż ta' din il-kawża għandu jbatihom, jew ibati minnhom, il-konvenut, minħabba t-tort tiegħu; għaliex anki l-attur odjern ikkonkorra f'dan it-tort;

Għalhekk tiddeċidi billi, għall-motivi ta' l-Ewwel Qorti li huma adottati, u għal dawk fuq indikati, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż.